# L-istatwa u s-Simboli ta' Santa Margerita

*Mons. Lawrenz Sciberras*



Dis-sena l-istatwa tant sabiħa, ħelwa u devota ta' Santa Margerita V.M. tagħlaq mija u ħamsa u għoxrin sena fostna. Kienet is-sena 1891 sewwa sew matul ix-xahar ta' Lulju liema xahar huwa tant għażiż u mistenni minna s-Sannatin, meta waslet fost missirijietna l-istatwa tal-patruna tagħna Santa Margerita. U nistgħu ngħidu li minn dakinhar sal-lum, id-devozzjoni, l-imħabba u l-għożża lejn din il-ġawhra tagħna kompliet dejjem tikber, tiżdied u toktor.

Huwa kollu minħabba dawn ir-raġunijiet li din is-sena aħna n-nies Ta' Sannat qegħdin infakkru b'mod aktar kbir mis-soltu l-miġja ta' Santa Margerita fostna. Din l-istatwa lilna tgħaqqadna flimkien, tiġborna bħal qroqqa taħt ġwejħajha, u fuq kollox tħeġġiġna biex bħalha nħobbu aktar bil-fatti lil Ġesù l-għarus safi tagħha. Kemm tifraħ meta tkun għand xi emigranti minn Ta' Sannat u fid-dar tagħhom tara statwa jew inkella xi ritratt ta' Santa Margerita.

**Għaliex inbidlet?**
Hija liġi tal-knisja, li l-Isqof tal-post kull erba' snin jew jekk jara l-bżonn anke qabel, għandu jagħmel vista pastorali fil-parroċċi, knejjes, kappelli, ċimiterji, ċentri parrokkjali, għaqdiet, kif ukoll f'dak kollu li ftit jew wisq huwa marbut mal-kult jew tagħlim ta' dik il-parroċċa partikulari. L-Isqof li jkun imsieħeb minn xi qassisin oħra, wara dawn il-visti jibgħat rapport bil-miktub fejn jgħid dak kollu li ltaqa' miegħu, kif ukoll jiddeskrivi dak li għoġbu, u ħa pjaċir bih, kif ukoll dak li jista' jsir aħjar jew għad-dritt għandu jitneħħa mill-kult. Ir-raġunijiet għal din l-azzjoni jistgħu jkunu varji, eżempju l-oġġett jeqdiem u jikrieh, ma jibqax tajjeb, flok ma jiġbed l-attenzjoni għall- aħjar jista' jbiegħed l-attenzjoni, mela flok jgħin biex wieħed jinġabar aktar jitferrex moħħu.

Issa fil-parroċċa tagħna qabel din l-istatwa li għandna fil-preżent, naturalment kien hawn statwa oħra ta' Santa Margerita u li b'din l-istatwa kienet issir il-purċissjoni. Hawn ta' min ifakkar li Ta' Sannat sar parroċċa fis-sena 1688, mela 328 sena ilu. Din l-ewwel statwa kien ordnaha l-Kappillan Dun Franġisk Borg u ħadimha l-magħruf Carlo Darmanin. Din l-statwa waslet fostna fl-1863. Issa ġara li l-isqof Giovanni M. Camilleri meta għamel il-vista pastorali tiegħu fil-parroċċa tagħna fl-1890 u ra l-istatwa tal-qaddisa, deherlu li kienet xi ftit maħduma skullata u għalhekk ordna biex din l-istatwa titneħħa mill-qima tal-kult. L-Arċipriet Dun Ġwann Andrea Vella ma kellux triq oħra x'jagħżel għajr li jordna statwa ġdida. Issa billi matul dawk is-snin diġà hawn f'Għawdex kienu nġabu xi statwi minn Marsilja mingħand il-fabbrika Gallard et Fils Statuaire u li kienu ntgħoġbu ħafna. Insemmu Santa Marija taż-Żebbuġ, li waslet fl-1863, dik tax-Xagħra li waslet fl-1878, u dik tan-Nadur li waslet hawn Għawdex fl-1881, allura l-Arċipriet Vella għamel l-istess ħaġa. Huwa ordna statwa tal-qaddisa

tagħna minn Marsilja.
U dejjem sabiex l-istatwa kemm jista' jkun fit-tifsila tagħha tkun toqrob lejn ħajjitha u speċjalment lejn il-martirju li tkun għaddiet minnu, l-Arċipriet Ġwann Andrea Vella kiteb lil-fabbrika ta' Marsilja fejn fissrilhom fid-dettall xi waqtiet ċentrali f'ħajjet Margerita.

**L-istatwa tasal Għawdex.**
F'kull opra li tkun ser issir dejjem ikun hemm bżonn tal-flus biex dik l-opra tissarraf f'realtà. Għalhekk ħarġet l-idea u tassew saret ġabra fost il-parruċċani ta' dak iż-żmien ħalli l-ħolma tagħhom isseħħ tassew. L-istatwa waslet fostna nhar il-21 ta' Lulju 1891, mela mija u ħamsa u għoxrin sena ilu. Persuna u li llum diġà ilha mejta sitta u tletin sena u li din kellha 90 sena meta mietet darba qaltli li meta fetħu l-kaxxa tal-injam li ġo fiha kien hemm l-istatwa ta' Santa Margerita, meta raha għall-ewwel darba l-Arcipriet Vella qabiżlu d-dmugħ minn għajnejh. U jien nasal biex nemmen din il-ħaġa, għaliex l-Arċipriet Vella ħalla warajh opri tassew li jagħmlulu unur kbir, opri li aħna għadna ngawduhom sal-ġurnata tal-lum, opri li għadna nużawhom waqt il-funzjonijiet liturġiċi li nagħmlu fil-knisja tagħna, eżempju l-orgni.

Kien l-Isqof Mons. Ġwanni Marija Camilleri Agostinjan li għamel il-funzjoni tat-tberik tal-istatwa tal-Qaddisa. Din iċ-ċerimonja saret ħdejn il-kunvent ta' San Franġisk ir-Rabat Għawdex. Minn hemm imbagħad il-fratelli flimkien man-nies telqu ferħana bl-istatwa lejn raħalna Ta' Sannat. U hekk għal dawn is-snin kollha Santa Margerita qiegħda magħna u fostna, Santa Margerita qiegħda twennisna u tfarraġna, Santa Margerita qiegħda tberikna u tgħinna nkomplu nħarsu 'l quddiem mimlijin b'fidi f'Ġesù.

**Simboliżmi fl-istatwa tagħna**
Meta wieħed iħares lejn l-istatwa, jew xi pittura nkella skultura kważi dejjem jara tliet simboli li jridu jwasslu messaġġ. Biss qabel ma nfissruhom sewwa li ngħidu li dawn is-simboli kollha kellhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' Santa Margerita. Dawn huma d-dragun, is-salib u l-ħamiema fuqu.

**ID-DRAGUN** Fil-Bibbja d-dragun huwa dak il-monstru jew bhima kerha biex tbeżża` u twerwer minħabba l-kruha tagħha stess. Huwa annimal kbir u feroċi li jibla' saħansitra lin-nies. Hekk bi kliem simboliku naqraw: "Belagħni, ġiebni fix-xejn, Nabukodonosor, Sultan ta' Babilonja; għamel minni ġarra fiergħa. Belagħni bħal dragun" (Ġer 51,34). Xena oħra fejn jidħol id-dragun qiegħda fil-ktieb tal-Apokalissi, "Imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-dragun. U d-dragun u l-anġli tiegħu tqabdu, iżda ma kellhomx ħila jegħlbu" (Apok 12,7). F'ħajjet il-patruna tagħna naqraw li meta din kienet mixħuta l-ħabs dejjem biex iwerwirha u jwassalha għall-ħsieb ħażin tiegħu, deherilha dragun ħabat għaliha iżda hija rebħitlu bis-sinjal tas-salib.

**IS-SALIB** Għalina l-insara s-salib huwa s-simbolu per eċċellenza biex juri dejjem li minn fuqu ġiet ir-rebħa, il-fidwa u l-glorja. Dak li kien saħta sar barka, dak li minn fuqu daħlet il-mewt (siġra) issa minn fuq l-injama tas-salib daħlet ir-rebħa. Dik il-mara li reddgħet lil Margerita għallmitha li l-qawwa tan-nisrani qiegħda fis-salib. Għalhekk meta Margerita ġiet ittentata biex iċċedi hija għamlet is-sinjal tas-salib u ħarġet rebbieħa. Bħal Sant Elena li sabet is-salib ħdejn il-Golgota, hekk Santa Margerita mara qalbenija ġġib is-salib għelm tar-rebħ tagħha fuq id-dragun.

**IL-ĦAMIEMA** Dan l-għasfur ukoll jissemma` diversi drabi fil-Bibbja. Huwa għasfur li minnu nnifsu jfisser sliem, ferħ, kant u għana. Ġesù stess waqt li kien jitgħammed fil-Ġordan niżel u qagħdet fuqu ħamiema (Mt 3,16). Darb'oħra Ġesù qal: "Kunu għaqlin bħas-sriep u safjin bħall-ħamiem" (Mt 10,16). Issa waqt li Margerita kienet qed tieħu tbatijiet l-aktar ħorox u waslet biex ittemm ħajjitha, fis-sema dehret ħamiema li fil-munqar tagħha kellha kuruna. Kollox kien juri kemm il-martirju ta' Margerita kien qed jiġi milqugħ mis-sema. Dan ifakkar ukoll fil-ħamiema li rritornat għand Noè bil-fergħa taż-żebbuġa fil-munqar tagħha. (Ġen 8,11). Mela l-ħamiema fuq is-salib ta' Margerita



Bil-wieqfa mix-xellug: Kapp. D. Ġużepp Hili (Fontana), D. Ġwann Saliba (Qala), D. Bartilmew Saliba (Żebbuġ), D. Salv Portelli (S. Lawrenz), D. Franġisk Mizzi (Għajnsielem), D. Franġisk Portelli (Kerċem), Bil-qiegħda mix-xellug: Arċip D. Maurizju Cauchi (Xagħra), Arċip D. G. Andrea Vella (Sannat), l-Isqof Pietru Pace, Arċip Martin Camilleri (Nadur), Arċip Anton Aquilina (Xewkija)

tfakkarna fil-glorja li hemm għal kull min jagħmel it-tajjeb.

**IL-PALMA** Din hija siġra li anke minkejja li tkun imħawla f'postijiet fejn ikun hemm is-sħana qawwija, però l-palma xorta tibda` ħajja u tħaddar. Il-Bibbja ssemmi l-palma ta' Kadex. It-tixjir tal-friegħi tal-palm ifisser rebħ u tgawdija għal żmien indefinit. Mela meta lill-martri kollha inkluża Santa Margerita jġibuhom bil-palma tar-rebħa f'idejhom, dan ifisser li minkejja li huma ħallew ħajjithom ukoll f'età żgħira, però huma rebħu l-palma ħadranija tal-glorja. Mela l-palma f'id Santa Margerita tfisser taqbida imma wkoll rebħa, tfisser mewt u demm imma wkoll rebħa u ħajja dejjiema.

U għal darb'oħra din is-sena wkoll, il-Qaddisa għaxqa tagħna ser nerġgħu noħorġuha biex immexxuha u ndawruha mat-toroq ta' raħalna. Raħalna se jerġa' jilbes l-ilbies għani u sabiħ tal-festa. Raħalna bħas-snin l-imgħoddija se jkun kburi u ferħan BIK, u tassew għandu għaliex u raġun. Raħalna ser jerġa' jilqa' fostu bosta minn uliedu li jiġu minn ħafna 'l bogħod biex jifirħu magħna, u xejn anqas jifirħu bik Santa Margerita!

Kemm tkun ħaġa tassew f'waqtha biex f'din l-okkażjoni tal-125 sena fostna, kif ukoll is-sena li qegħdin niċċelebraw il-Ġublew il-Kbir tal-Ħniena ta' Alla, Santa Margerita tkompli tkun ta' pont li tressaqna u twassalna s-sema.

Minn hawn u minn qalbi nawgura l-festa ta' Santa Margerita t-tajba lil kulħadd.